# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 742/99**

**Numru 19**

**Gasan Insurance Agency Limited u b'nota tas-26 ta' Ottubru 1999 is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Gauci**

**vs**

**Andrew Hili u Vivian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-22 ta' Novembru 1997 fil-limiti tal-Mosta waqt li l-konvenut Hili kien qed isuq il-vettura Nru KAC 190 u il-konvenut Farrugia kien qed isuq il-vettura numru DAC 915, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huma jew min minnhom habtu mal-vettura numru EAA 707 propjeta ta' assikurat tal-attur, Victor Gauci u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm292.73) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuti jew minn minhhom jhallsu lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm10.00) ta' Ittra Ufficjali tal-11 ta' Gunju 1998 (notifika fil-20 ta' Gunju 1998) u ta' zewg ittri Ufficjali pprezentati kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti kontra l-istess konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota a fol 5 tal-atti li biha is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited nomine assumiet l-atti ta‘ din il-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Hili (fol 17 tal-atti) li biha eccepixxa illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, almenu fil-konfront ta’ l-esponent stante illi l-esponent ma ghandu qatt jigi dikjarat responsabbli ghall-kwalsiasi hsarat li seta’ sofra l-assikurat tas-socjeta attrici u dan peress illi:

1. Kwalsiasi danni allegatament sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici ma kienux ikkawzati mill-habta bejn l-esponent u l-konvenuta l-ohra Vivian Farrugia, izda minn habta li sehhet precedentement bejn l-istess Vivian Farrugia u l-assikurat tas-socjeta’ attrici;

2. F’dan l-incident de quo kien hemm zewg habtiet, ossia l-ewwel wahda dik bejn il-vetturi EAA-707 tas-Sur Victor Gauci u DAC-915 tas-Sinjura Farrugia hawnhekk konvenuta, imbaghad wara sehhet habta ohra ta’ sinifikat negligenti bejn il-vettura DAC-915 msemmija u dik ta‘ l-esponent KAC-190, tant illi f‘din it-tieni habta l-vetturi ma soffrew ebda hsarat u b’rizultat ta din it-tieni habta, ma rrisultaw ebda hsarat lill-vettura ta’ l-assikurat tas-socjeta attrici;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta‘ danni riklamat mis-socjeta’ attrici huwa wiehed esagerat.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-Ispettur Jeffrey Azzopardi (fol 10 tal-atti esebixxa) r-rapport u l-iskizz relattivi ghal dan l-incident (fol 12 sa 14 ibid). Minn dawn id-dokumenti jidher li involuti fih seta’ kien hemm tlett vetturi ossija wahda bin-numri EAA 707 misjuqa minn Anthony Gauci; ohra bin-numru DAC 915 misjuqa minn Vivian mart George Farrugia u fl-ahhar nett, dik bin-numri KAC 190 misjuqa mill-konvenut l-iehor Andrew Hili. In rigward il-lokalita tal-incident jidher li dan gara fi Valletta Road fil-limiti tal-Mosta waqt li t-tlett vetturi involuti kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ Hal Lija.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-istess kollisjoni, giet prodotta sabiex tixhed, Dorothy Gauci mart Victor Gauci, l-assikurat tas-socjeta' attrici. Din sostniet li kif kienet waslet fil-vicinanza ta' "round about" il-karozza quddiemha waqfet u ghalhekk hi waqfet il-karozza misjuqa minnha. Hawnhekk "dahal go fiha wiehed minn warajja" aktarx karozza tal-marka " Peugeot". Meta harget mill-vettura taghha, hi nnotat li warajha, filfatt kien hemm zewg vetturi, it-tnejn mahbutin. Pero' hi ssottolineat illi kienet certa li semghet <u>daqqa wahda biss</u> ossija dik moghtija fuq il-karozza misjuqa minnha. Inoltre, is-sewwieq tal-karozza immedjatament warajha u li kienet mara kienet qalet lix-xhud "Kif Waqaft!" oltre li tkellmet b'mod oxxen.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut <u>Andrew Hili</u> (fol 32 et seq ibid) issottolinea fix-xhieda tieghu li hu kien qed jsuq "Land Rover", vettura pjuttost gholja. Wara li kienu weqfin minhabba l-kwantita' ta' traffku li kien hemm il-karozzi bdew iccaqalqu sakemm hu ra, ghal xi raguni mhux cara, l-karozza misjuqa minn Dorothy Gauci tieqaf f'daqqa wahda ("ghall-gharrieda"). Minhabba hekk, il-karozza misjuqa minn Vivian Farrugia u li kienet immedjatament wara dik misjuqa minn Dorothy Gauci, habtet ma din. Hawnhekk hu ghafas il-"brake" u "minhabba li l-Land Rover tieghu

ghandha il-"coil springs" ossija molol mal-"brake" il-"body" tal-"Land Rover" marret ftit il-quddiem u misset il-bumper ta' quddiemi".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher illi:-

a) Il-konvenut Andrew Hili ma kkaguna ebda hsara fil-vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine.

b) Difatti jidher li f'dan l-incident, kien hemm zewg habtiet bi ftit sekondi bejniethom. Fl-ewwel lok habtet il-karozza misjuqa minn Vivian Farrugia ma dik immedjatament quddiemha misjuqa minn Dorothy Gauci. Sussegwentement, wara ftit sekondi, il-vettura misjuqa Andew Hili laqtet b'mod hafif ghall-ahhar dik misjuqa minn Vivian Farrugia.

c) Il-hsara kollha kagonata fuq il-karozza appartenenti lil Victor Guaci giet kollha kemm hi kagjonata minn Vivian Farrugia li ghandha tigi ritenuta responsabbli totalment u unikament ghal dan l-incident minhabba li ma kienetx qed issuq, bid-debita kawtela, billi zzomm distanza sufficjenti bejn il-karozza misjuqa minnha u dik immedjatament quddiemha.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi notat li l-konvenuta Vivian Farrugia ma kkontestatx it-talbiet attrici u baqghet kontumaci.

Ikkunsidrat

Illi l-istess Vivian Farrugia ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghal dan l-incident ghar-ragunijet hawn fuq premessi u ghad-danni kollha kagunati fil-karozza ta' Victor Gauci liema danni ma gewx kontestati in rigward il-"quantum" (fol 22 et seq ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Hili, tilqa t-talbiet attrici fil-konfront ta' Vivian Farrugia u:

1. tiddikjara lill-istess konvenuta Vivian Farrugia bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Vivian Farrugia;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm292.73,0 u;

3. tikkundanna lill-istess Vivian Farrugia sabiex thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm292.73,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Gunju 1998 u ta’ dawk ufficjali ukoll, tal-21 ta’ Mejju 1998 imsemmijin fl-avviz oltre dawk dovuti ta’ konsult ammontanti ghal Lm10.

Alan Calleja
Deputat Registratur